

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1497

tat-8 ta' Settembru 2022

**li tiddetermina, skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jekk prodott li fih “l-oleoreżina tal-Capsicum ipressata b-espellent” huwiex prodott bijoċidali**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Settembru 2021, il-Belġju talab lill-Kummissjoni tiddeċiedi jekk prodott li jkun fih, kif indikat mill-manifattur, “l-oleoreżina tal-*Capsicum* ipressata bl-espellent” u li jiġi kkummerċjalizzat fil-Belġju mill-manifattur bħala repellent kontra l-qtates u l-klieb (“il-prodott”), huwiex prodott bijoċidali kif iddefinit fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (2) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, il-prodott huwa sprej għall-użu fuq uċuħ esterni (bħal setaħ, mogħdijiet, ħitan, ċnut, eċċ.) sabiex il-qtates u l-klieb jitgerrxu minn dawk l-uċuħ. L-użu maħsub tal-prodott huwa differenti minn dak ta' sprejs li fihom l-istess ingredjenti jew ingredjenti simili u maħsuba sabiex jintużaw kontra animali aggressivi għall-iskop ta' difiża personali.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-definizzjoni ta' “sustanza” għall-finijiet ta' dak ir-Regolament hija dik stabbilita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, li jiddefinixxi sustanza bħala element kimiku u l-komposti tagħha fl-istat naturali jew miksuba bi kwalunkwe proċess ta' manifattura.
- (4) Skont il-gwida tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi <sup>(3)</sup>, l-organiżmi ħajjin sħaħ jew mejtin u mhux ipproċessati, jew partijiet minnhom (pereżempju, friegħi, frott jew fjuri eċċ.), ma jitqisux bħala sustanzi fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
- (5) “L-oleoreżina tal-*Capsicum* ipressata bl-espellent” hija reżina organika żejtnija miksuba bl-ippressar permezz ta' espellent mill-frott tal-pjanti tal-ġeneru *Capsicum*. B'hekk, “l-oleoreżina tal-*Capsicum* ipressata bl-espellent” hija magħmula minn komposti ta' elementi kimiċi fl-istat naturali, iżda mhix organizzmu ħaj sħiħ jew organizzmu mejjet u mhux ipproċessat jew partijiet minn tali organizzmu.
- (6) Jenħtieġ għalhekk li “l-oleoreżina tal-*Capsicum* ipressata bl-espellent” titqies bħala sustanza fit-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u konsegwentement, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jenħtieġ li titqies ukoll bħala sustanza fit-tifsira ta' dak ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(3)</sup> Guidance for Annex V — Exemptions from the obligation to register (ara p. 19), available at [https://echa.europa.eu/documents/10162/2324906/annex\\_v\\_en.pdf/8db56598-f7b7-41ba-91df-c55f9f626545](https://echa.europa.eu/documents/10162/2324906/annex_v_en.pdf/8db56598-f7b7-41ba-91df-c55f9f626545)

- (7) F'ċerti ċirkostanzi, il-qtates u l-klieb jista' jkollhom preżenza mhux mixtieqa jew effett ta' detriment fuq il-bnedmin, l-attivitajiet tagħhom jew il-prodotti li jużaw jew li jipproduċu u, għalhekk, jistgħu jidħlu fid-definizzjoni ta' organiżmu ta' ħsara fit-tifsira tal-punt (g) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li "l-oleoreżina tal-*Capsicum* ippressata bl-espellent" li jinsab fil-prodott huwa maħsub li jsarraf f'azzjoni kontra tali organiżmi ta' ħsara, huwa sustanza attiva fit-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament.
- (8) Minħabba li l-prodott fih sustanza attiva u huwa maħsub biex igerrex organiżmi ta' ħsara b'azzjoni li mhijiex sempliċiment fiżika jew mekkanika, jenħtieġ li l-prodott jitqies bħala prodott bijoċidali kif iddefinit fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (9) It-tip 19 tal-prodotti, kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jinkludi prodotti li jintużaw biex jikkontrollaw l-organiżmi ta' ħsara billi jbegħduhom jew jattirawhom. Peress li l-prodott jintuża bl-intenzjoni li jiġu mbegħdin il-qtates u l-klieb, użu bħal dan jaqa' taħt id-deskrizzjoni tat-tip 19 tal-prodotti.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Prodott li jkun fih "l-oleoreżina tal-*Capsicum* ippressata bl-espellent" użat fuq uċuħ esterni bil-fini li jiġu mbegħdin il-qtates u l-klieb minn dawk l-uċuħ, għandu jitqies bħala prodott bijoċidali skont it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, u għandu jaqa' fit-tip 19 tal-prodotti kif definit fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN